**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**-vs-**

**Jonathan Aquilina, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0288390M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 257/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jonathan Aquilina** u ċioe` talli:

**Fis-26 ta' Marzu 2023, gewwa Marsaskala:**

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1471 Luke Ciangura, PC 213 Gary Magri, PC 381 Jonathan Farrugia, PC 480 Carmel Diacono, PC 486 Ryan Camilleri, PC 735 Tyrone Cassar, PS 1340 Antonio Bellizzi u PS 2041 Elaine Cassar, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 480 Carmelo Diacono f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta'

natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Matthias Farrugia Med Reg 4891 mill-Poliklinika ta' Rahal Gdid, u dan fl-okkupanza tieghu bhala uffiċjal pubbliku jew li kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` PC 1471 Luke Ciangura, PC 213 Gary Magri, PC 381 Jonathan Farrugia, PC 480 Carmel Diacono, PC 486 Ryan Camilleri, PC 735 Tyrone Cassar, PS 1340 Antonio Bellizzi u PS 2041 Elaine Cassar filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità tal-pulizija jew ta' whud li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallejthomx jew fixkilthom waqt li jkunu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indhalt fi dmirhom, billi ma hallejthomx jaghmlu dak li b'liġi jkunu ordnati jew jistaghu jaghmlu, jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra.

5. U aktar talli fl-istess data u lok insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Mahmoud Hamd, Khalil Hamad u Leylan Hamd Gatt.

6. U aktar talli fl-istess data u lok volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli, konsistenti fi scooter, ghad-detriment ta' Leylan Hamd Gatt u/jew persuni ohra.

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-hati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Mahmoud Hamd, Khalil Hamad u Leylan Hamd Gatt u/jew persuni ohra.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni w mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, l-Qorti qieset ix-xiehda tal-Konsulent Psikjatra Dr. Kristian Sant, li spjega kif l-imputat minħabba kundizzjonijiet mediċi li ilu jbati minnhom minn żmien it-tfulija, jaġixxi b'impulsività u mingħajr ma jista' jrażżan lilu nnifsu hekk kif isib lilu f'sitwazzjoni *out of the norm* u/jew meta ikun taħt stress u ansjetá.

Semgħet l-imputat jitlob skuża għall-għemilu fejn anke wera r-rimors tiegħu u insista li kien hu li sejjaħ għall-għajnuna tal-pulizija fl-ewwel post tant kemm ħassu mhedded hekk kif hu w ommu ġew attakkati minn terzi intortament waqt li huma kienu bi kwiethom f'darhom.

Madanakollu ma jistax ma jingħatax piż li r-reati li dwarhom qed tinstab ħtija huma tali fejn l-imputat ittenta jirreżisti lil pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, reati li din il-Qorti tikkunsidra ta' gravità. Magħdud dan mill-

filmati jidher ukoll li l-Pulizija, li sa llum stess, ma kienitx taf bil-kundizzjonijiet li jbati bihom l-imputat, irrejaġixxiet b'mod li aktar ġiegħel l-imputat jirvella w jibqa' jikkustinja mal-uffiċjali. Jingħad ukoll li l-użu ta' forza li wżat il-pulizija kien diskrett u proporzjonali mal-kondotta li wera ma l-uffiċjali l-imputat.

Peress li mill-atti ma jirriżultax l-ammont tal-ħsarat ikkaġunati lil Laylan Gatt, il-Qorti fuq skorta tal-prinċipju *in dubio pro reo,* ser tqis l-ammont tal-ħsara fil-minimu kif kontemplat bl-artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Ingħata piż għall-fatt li l-offiżi subiti mill-uffiċjali tal-pulizija kienu ta' natura ħafifa t'importanza żgħira.

Fl-aħħar nett mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat kien instab ħati biss fuq reat ta' offiżi involontarji fl-2010. Kondotta li ma toħloq l-ebda preokkupazzjoni tal-Qorti li hi konvinta li minkejja dan is-sejbien ta' ħtija, l-imputat ma jippreżenta l-ebda riskju jew periklu għas-soċjetà.

Għalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li jeżistu ċirkostanzi li jimmeritaw li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' probation.

Dan l-istess ordni u l-ksur potenzjali tiegħu għandhom iservu ta' deterrent qawwi filwaqt li l-interess tas-soċjetà jiġi servut aħjar jekk l-imputat jigi mgħejjun jipprova jirrijabilita ruħu taħt il-lenti kostanti tal-awtoritajiet rilevanti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 96, 214, 215, 221(3), 325, 338, 339 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoġġih taħt ordni ta' probation ghal **tlett (3) snin millum.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika meħtieġa sabiex jikkontrolla l-impulsività minn tiegħu. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**